

Brussell, 2 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

9623/26
PV CONS 30
RELEX 701
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Barranin/Kummerç)
22 ta' Mejju 2026

1. **Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 9370/26.


2. **Approvazzjoni tal-punti "A"**

a) **Lista mhux leġiżlattiva** 9369/26

Il-Kunsill adotta l-punti A kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

b) **Lista Leġiżlattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)** 9336/26


Affarijiet Barranin

1. Emenda tar-Regolament dwar l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi  8836/2/26 REV 2
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv + ADD 1-3
Approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-13.05.2026 PE-CONS 3/26
+ COR 1 (es)
POLCOM

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-Greċja, Spanja u l-Italja jivvutaw kontra u l-Belġju u l-Portugall jastjenu (bażi legali: l-Artikolu 207(2) TFUE).

Dikjarazzjonijiet mill-Greċja, Spanja, l-Italja, l-Ungerija u l-Portugall jinsabu fl-Anness.

Agrikoltura

2. Regolament dwar il-benesseri tal-klieb u l-qtates  8732/1/26 REV 1
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv + ADD 1
Approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-13.05.2026 PE-CONS 2/26
VETER

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, biċ-Ċekja tastjeni (bażi legali: l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 114 TFUE).

Fl-Anness jinsabu d-dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Sigurtà ekonomika: l-impatt tal-kunflitt fil-Lvant Nofsani fuq il-kummerċ
Sitwazzjoni attwali 9193/26
 4. Riforma tad-WTO: segwitu għall-14-il Konferenza Ministerjali (MC14)
Sitwazzjoni attwali
 5. Affarijiet oħra
-

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġislativi li jinsabu fid-dokument 9336/26

Dwar il-punt "A" Emenda tar-Regolament dwar l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi
nru 1: *Adozzjoni tal-att leġislativ*

DIKJARAZZJONI MILL-GREĊJA, SPANJA U L-ITALJA

"Fir-rigward tal-abbozz ta' Regolament dwar l-applikazzjoni ta' skema ġeneralizzata ta' preferenzi tariffarji, il-Greċja, Spanja u l-Italja, li flimkien jirrappreżentaw madwar 85 % tal-produzzjoni tar-ross tal-UE, jixtiequ jiddikjaraw dan li ġej. L-inklużjoni ta' salvagwardja awtomatika għar-ross hija pass kruċjali. Madankollu, l-oġettiv tagħna bħala proponenti tas-salvagwardja ma kienx is-salvagwardja nnifisha, iżda pjuttost il-protezzjoni li s-salvagwardja tagħti. Sfortunatament, ir-riżultat tan-negozjati jissuġġerixxi li s-salvagwardja mhux ser tkun biżżejjed biex ittaffi s-sitwazzjoni li qed jiffaċċa s-settur tar-ross Ewropew.

Impenjajna ruġna b'mod kostruttiv matul il-proċess kollu u wrejna flessibilità fit-tfittxija għal kompromess iżda l-kombinazzjoni ta' reviżjoni annwali tal-limiti u żieda ta' 45 %, fil-fehma tagħna, tagħmel l-attivazzjoni ta' din is-salvagwardja virtwalment impossibbli.

Għalhekk m'aħniex f'pożizzjoni li napprovaw l-eżitu tat-trilogu li sar fl-1 ta' Diċembru 2025, peress li l-parametri tal-mekkaniżmu ta' salvagwardja awtomatika għar-ross mhumiex definiti b'mod li jiżgura l-effettività tiegħu, u lanqas l-attivazzjoni f'waqtha tiegħu meta jkun meħtieġ biex titħares il-vijabbiltà tas-settur tar-ross Ewropew.

Fil-ġejjieni, ser tkun meħtieġa perspettiva olistika biex jiġu indirizzati l-isfidi differenti li qed jiffaċċa s-settur Ewropew tar-ross u biex dawn jitqiesu fi ftehimiet futuri."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tappoġġa l-adozzjoni tar-regolament SĠP il-ġdid fuq il-bażi tal-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet.

Madankollu, nixtiequ ntennu l-fehma tagħna li l-migrazzjoni bħala tali ma għandha ebda impatt pożittiv fuq it-tkabbir inklużiv u l-iżvilupp sostenibbli. Minflok, għandna nfittxu soluzzjonijiet għall-kawżi ewlenin tal-ispostament u ngħinu lill-pajjiżi joħlqu ambjent li jiffaċilita l-iżvilupp soċjoekonomiku."

DIKJARAZZJONI MILL-PORTUGALL

"Il-Portugall jirrikonoxxi l-importanza tal-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi bħala strument ewlieni tal-politika kummerċjali u tal-iżvilupp tal-UE. L-adozzjoni tar-Regolament SĠP il-ġdid hija għalhekk prijorità għalina.

Madankollu, il-ftehim milħuq mal-Parlament Ewropew ma jindirizzax bis-sħiħ it-tħassib espress ripetutament mill-Portugall matul il-proċess ta' negozjati rigward il-mekkaniżmu awtomatiku ta' salvagwardja għar-ross.

Għall-Portugall, il-parametri miftiehma għall-mekkaniżmu ta' salvagwardja għadhom insuffiċjenti biex jiżguraw il-protezzjoni effettiva ta' settur li, għall-Portugall, bħal fil-każ ta' Stati Membri oħra, huwa strutturalment vulnerabbli u partikolarment sensitiv.

Il-Portugall għalhekk jieħu nota tal-ftehim milħuq dwar il-mekkaniżmu ta' salvagwardja, iżda mhux f'pożizzjoni li jappoġġa l-proposta għal regolament fil-formulazzjoni attwali tagħha u ser ikollu jastjeni meta tintbagħat għall-approvazzjoni tal-Kunsill."

Dwar il-punt "A" Regolament dwar il-benesseri tal-klieb u l-qtates
nru 2: *Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

DIKJARAZZJONIJIET MILL-KUMMISSJONI

Il-passaport għall-annimali tal-kumpanija

"Il-Kummissjoni tqis b'mod pożittiv l-inizjattiva li tippermetti d-diġitalizzazzjoni tal-passaport tal-annimali tal-kumpanija stabbiliti skont il-Liġi tal-UE dwar is-Saħħa tal-Annimali.

Valutazzjoni dettaljata u komprensiva tal-implikazzjonijiet tekniċi u prattiċi u l-modalitajiet ta' tali objettiv tad-diġitalizzazzjoni għandha titwettaq fi żmien sentejn, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri, inkluż billi jitqiesu l-kundizzjonijiet ewlenin tekniċi, prattiċi u infrastrutturali u l-opzjoni li tintuża l-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali żviluppata aktar fir-Regolament (UE) Nru 910/2014. Il-Kummissjoni se tqis li tadotta atti delegati skont il-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali sabiex tipprevedi diġitalizzazzjoni tal-passaport tal-annimali tal-kumpanija ladarba jitlestew dawn il-passi.

Il-lista pożittiva tal-annimali tal-kumpanija

Kif imħabbar fir-reviżjoni tal-2022 tal-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra t-traffikar tal-organiżmi selvaġġi, il-Kummissjoni nediet studju dwar il-ħtieġa, il-valur miżjud u l-fattibbiltà tal-introduzzjoni ta' "lista pożittiva ta' annimali tal-kumpanija" madwar l-UE. Ir-rapport finali ta' dan l-istudju se jkun disponibbli għall-pubbliku fil-bidu tal-2026. Il-Kummissjoni se tqis jekk hemmx bżonn ta' xi segwitu."